MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 413/2008

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Clinton Cachia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u ghaxar Euro u sittax-il centezmu (€210.16), disghin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm90.22), rapprezentanti somma ta' bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 1008590 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Gunju, 2007 u Novembru, 2007.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-29 ta' Frar, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u ghaxar Euro u sittax-il centezmu (€210.16), disghin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm90.22) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------